# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1368

## tat-3 ta' Awwissu 2022

## li twaqqaf Gruppi ta' Djalogu Ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-Politika Agrikola Komuni u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/767/UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 38 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta Politika Agrikola Komuni (PAK).

(2) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE ([1]) tipprevedi qafas għall-konsultazzjoni ta' partijiet ikkonċernati mhux governattivi fi kwistjonijiet relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Din tippermetti lill-Kummissjoni titlob l-għarfien espert tal-ispeċjalisti fil-korpi konsultattivi, jiġifieri l-Gruppi ta' Djalogu Ċivili li l-mandat attwali tagħhom jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.

(4) Sabiex ikun hemm adattament għall-qafas leġiżlattiv il-ġdid ([2]) tal-Politika Agrikola Komuni u għar-regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni ("ir-regoli orizzontali") stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 ([3]), kif ukoll biex tiġi żgurata l-kontinwità tad-djalogu ċivili fi kwistjonijiet relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali mill-2023, jeħtieġ li jiġu stabbiliti seba' gruppi tematiċi ta' esperti u li jiġu definiti l-kompiti u l-istruttura tagħhom.

(5) Dawk il-gruppi jenħtieġ li jassistu lill-Kummissjoni u jappoġġaw djalogu regolari f'kull kwistjoni relatata mal-Politika Agrikola Komuni u mal-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura. Dawn jenħtieġ li jwasslu għal skambju ta' esperjenza u ta' prattika tajba, jagħtu pariri dwar il-politiki, jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ("DĠ AGRI") jew fuq inizjattiva tagħhom stess u jimmonitorjaw l-iżviluppi tal-politiki. Il-membri tal-gruppi huma mistennija wkoll li jxerrdu l-informazzjoni, miksuba fil-kuntest tal-laqgħat tal-gruppi, lill-kostitwenzi rispettivi tagħhom.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE tas-16 ta' Diċembru 2013 li twaqqaf qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-Politika Agrikola Komuni u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/391/KE (ĠU L 338, 17.12.2013, p. 115).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).
Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).
Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 final tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

(6) Bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza tas-sistema tad-djalogu ċivili, f'dan ir-rigward anke fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew, u biex tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi differenti, li tkopri s-soċjetà ċivili f'sens wiesa', jixraq li jiġi stabbilit qafas ġdid għall-Gruppi ta' Djalogu Ċivili. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil rappreżentanza wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati bl-għarfien espert rilevanti, biex jiġu diskussi perspettivi u fehmiet differenti.

(7) Sabiex il-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw l-istess possibbiltajiet u rappreżentanza, u f'konformità mar-regoli orizzontali u l-prattika standard imsemmija hawn fuq, kull organizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li tingħata sħubija waħda mingħajr ebda differenzjazzjoni tas-siġġijiet bejn l-organizzazzjonijiet. Madankollu, fid-dawl tal-aġenda tal-Kummissjoni u l-ħtieġa li jinġabar għarfien espert speċifiku, in-numru kumplessiv ta' parteċipanti f'kull waħda mil-laqgħat, jista' jiġi modifikat fuq bażi ta' każ b'każ.

(8) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' konsultazzjoni parteċipattiv u inklużiv, filwaqt li tkompli tilħaq liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li tingħata l-attenzjoni meħtieġa lill-objettiv klimatiku li jitnaqqsu l-emissjonijiet kumplessivi li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi għalih. Dan jimplika li jenħtieġ li jiġu organizzati inqas laqgħat tal-esperti wiċċ imb wiċċ. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-objettivi reċiproċi tal-Kummissjoni u tal-partijiet ikkonċernati jistgħu jintlaħqu wkoll permezz ta' laqgħat virtwali. Għalhekk, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza ta' laqgħat fiżiċi okkażjonali, l-organizzazzjoni ta' laqgħat online jenħtieġ li tkun privileġġata.

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tal-grupp.

(10) Jenħtieġ li tiġi pproċessata d-*data* personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(11) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/767/UE titħassar fl-istess ħin li jintemm il-mandat attwali tal-Gruppi ta' Djalogu Ċivili.

(12) Sabiex jiġi żgurat tiġdid perjodiku tal-qafas ta' djalogu ċivili, jixraq li tiġi stabbilita d-data tat-tmiem għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Il-gruppi ta' esperti li ġejjin, imsejħa l-Gruppi ta' Djalogu Ċivili ("il-gruppi"), ġew stabbiliti:

1. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u Kwistjonijiet Orizzontali;
2. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar is-Swieq Agrikoli;
3. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Produzzjoni tal-Annimali;
4. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar l-Aspetti Internazzjonali tal-Agrikoltura;
5. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Biedja Organika;
6. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Kwalità u l-Promozzjoni;
7. il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima.

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Il-gruppi, fir-rigward tal-oqsma tematiċi ta' kompetenza tagħhom kif elenkati skont l-Artikolu 1, għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) iżommu djalogu regolari dwar kull kwistjoni relatata mal-Politika Agrikola Komuni, u mal-implimentazzjoni tagħha, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(b) jipprovdu pariri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-oqsma tematiċi ta' kompetenza tagħhom kif elenkati skont l-Artikolu 1, u jassistu lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' inizjattivi ta' politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a), meta jkun meħtieġ għarfien espert speċifiku;

(c) iwasslu għal skambju tal-esperjenza u tal-prattika tajba, inkluż it-tixrid ta' informazzjoni, fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

(d) jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-DĠ AGRI u sal-iskadenzi stabbiliti fit-talba, jew fuq inizjattiva tagħhom stess;

(e) jimmonitorjaw l-iżviluppi tal-politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

*Artikolu 3*

**Sħubija**

1. Il-gruppi għandhom ikunu magħmula minn organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, għajr entitajiet pubbliċi, li jiffunzjonaw fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1.

2. L-organizzazzjonijiet membri għandhom jiddeżinjaw ir-rappreżentant tagħhom biex jattendi l-laqgħat tal-gruppi skont il-punti fl-aġenda. Jekk indikat mill-President, l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu rappreżentati minn aktar minn rappreżentant wieħed. Kull organizzazzjoni għandu jkollha dritt ta' vot wieħed, irrispettivament min-numru ta' rappreżentanti.

3. L-organizzazzjonijiet membri għandhom ikunu responsabbli milli jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert.

4. L-organizzazzjonijiet membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp ta' esperti, u li, fl-opinjoni tad-DĠ AGRI, ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew li jirriżenjaw, ma għandhomx jibqgħu jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-grupp u jistgħu jiġu sostitwiti għall-kumplament tal-mandat tagħhom.

*Artikolu 4*

**Proċess tal-għażla**

1. L-għażla tal-organizzazzjonijiet membri għandha ssir permezz ta' sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet li għandha tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet oħra simili ("ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti"). Barra minn hekk, is-sejħa għall-applikazzjonijiet tista' tiġi ppubblikata permezz ta' mezzi oħra, inkluż fuq siti web apposta. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha turi b'mod ċar il-kriterji tal-għażla li jinkludu l-livell ta' għarfien espert neċessarju u l-interessi li għandhom ikunu rappreżentati rigward il-ħidma li trid titwettaq. L-iskadenza minima għall-applikazzjonijiet għandha tkun ta' erba' ġimgħat.

2. Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni fir-Reġistru tat-Trasparenza biex l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jinħatru bħala membri.

3. L-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għandhom jinħatru mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI minn fost applikanti b'kompetenzi u b'livell ogħli ta' għarfien espert fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, b'kapaċità fl-għoti ta' pariri f'konformità mal-Artikolu 2, u li jkunu wieġbu għas-sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet.

4. L-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għandhom jinħatru għal mandat ta' ħames snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

*Artikolu 5*

**President**

Il-gruppi għandhom ikunu preseduti minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Funzjonament**

1. F'konformità mar-regoli orizzontali, il-gruppi għandhom jaġixxu fuq talba tad-DĠ AGRI.

2. Fil-prinċipju, il-laqgħat tal-gruppi għandhom isiru virtwalment jew fil-bini tal-Kummissjoni, skont iċ-ċirkostanzi.

3. Id-DĠ AGRI għandu jipprovdi s-servizzi segretarjali. Jistgħu jattendu l-laqgħat tal-gruppi u tas-sottogruppi tagħhom uffiċjali tal-Kummissjoni minn dipartimenti oħrajn li jkollhom interess fil-proċedimenti.

4. Bi ftehim mad-DĠ AGRI, kull grupp, b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, jista' jiddeċiedi li l-laqgħat għandhom jinfetħu għall-pubbliku.

5. Il-minuti tad-diskussjoni ta' kull punt fl-aġenda u tal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti mogħtija minn kull grupp għandhom ikunu jagħmlu sens u kompluti. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat, taħt ir-responsabbiltà tal-President.

6. Sa fejn ikun possibbli, il-gruppi għandhom jadottaw l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti tagħhom b'konsensus. F'każ ta' votazzjoni, l-eżitu tal-votazzjoni għandu jiġi deċiż b'maġġoranza sempliċi tal-membri. Il-membri li jkunu vvutaw kontra jew li jkunu astjenew għandu jkollhom id-dritt li jiddokumentaw ir-raġunijiet li wasslu għall-pożizzjoni tagħhom, u li jkunu annessi mal-opinjonijiet, mar-rakkomandazzjonijiet jew mar-rapporti.

*Artikolu 7*

**Sottogruppi**

1. Id-DĠ AGRI jista' jistabbilixxi sottogruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza ddefiniti mid-DĠ AGRI. Is-sottogruppi għandhom jiffunzjonaw f'konformità mar-regoli orizzontali u għandhom jirrapportaw lura lill-grupp. Dawn għandhom jiġu xolti malli jintlaħaq l-għan tal-mandat tagħhom.

2. F'konformità mal-Artikolu 4 u mar-regoli orizzontali, il-membri tas-sottogruppi li ma jkunux membri tal-grupp għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet.

*Artikolu 8*

**Esperti mistiedna**

Id-DĠ AGRI jista' jistieden esperti b'għarfien espert speċifiku dwar suġġett fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-grupp jew tas-sottogruppi fuq bażi *ad hoc*.

*Artikolu 9*

**Osservaturi**

1. F'konformità mar-regoli orizzontali, l-individwi, l-organizzazzjonijiet, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll l-entitajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jingħataw status ta' osservatur, permezz ta' stedina diretta.

2. L-organizzazzjonijiet u l-entitajiet pubbliċi li jinħatru bħala osservaturi għandhom jinnominaw lir-rappreżentanti tagħhom.

3. L-osservaturi u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jkunu awtorizzati mill-President biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-grupp u tas-sottogruppi tiegħu u biex jipprovdu għarfien espert. Madankollu, ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot u ma għandhomx jieħdu sehem fit-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet jew ta' pariri tal-gruppi u tas-sottogruppi tagħhom.

*Artikolu 10*

**Regoli ta' proċedura**

Fuq proposta mid-DĠ AGRI, u bi qbil miegħu, il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, abbażi tar-regoli ta' proċedura standard għall-gruppi ta' esperti ([5]) u f'konformità mar-regoli orizzontali. Is-sottogruppi għandhom jiffunzjonaw f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-grupp.

*Artikolu 11*

**Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni klassifikata**

Il-membri tal-grupp u r-rappreżentanti tagħhom, l-esperti mistiedna, kif ukoll l-osservaturi u r-rappreżentanti tagħhom, huma soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali, li skont it-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u għall-persunal tagħhom, kif ukoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ([6]) u (UE, Euratom) 2015/444 ([7]). F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux irrispettati, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha.

*Artikolu 12*

**Trasparenza**

1. Il-gruppi u s-sottogruppi tagħhom għandhom jiġu reġistrati fir-"Reġistru tal-gruppi ta' esperti".

2. Rigward il-kompożizzjoni tal-gruppi u tas-sottogruppi, għandha tiġi ppubblikata d-*data* li ġejja fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti:

(a) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati; l-interess rappreżentat għandu jkun iddikjarat;

(b) l-ismijiet tal-osservaturi.

3. Id-dokumenti rilevanti kollha, inkluż l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli jew fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti jew permezz ta' link mir-Reġistru għal sit elettroniku dedikat, fejn ikun hemm din l-informazzjoni. L-aċċess għal siti elettroniċi dedikati ma għandux ikun sottomess għal reġistrazzjoni tal-utent jew għal restrizzjoni oħra. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti rilevanti oħra ta' kuntest, għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, u wara dan, il-minuti għandhom jiġu ppubblikati fil-pront. Eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom jkunu possibbli biss fejn jitqies li l-iżvelar ta' dokument idgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

*Artikolu 13*

**Spejjeż tal-laqgħat**

1. Dawk li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-gruppi u tas-sottogruppi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza li jġarrbu il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-gruppi u tas-sottogruppi, għajr dawk li jattendu virtwalment, għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

([5]) L-Anness III tad-Deċiżjoni C(2016) 3301.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat- 13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 4). Dawn l-eċċezzjonijiet huma maħsuba biex jipproteġu s-sigurtà pubblika, l-affarijiet militari, ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika, il-privatezza u l-integrità tal-individwu, l-interessi kummerċjali, il-proċedimenti tal-qorti u l-konsulenza ġuridika, l-ispezzjonijiet/l-investigazzjonijiet/l-awditi u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

*Artikolu 14*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2013/767/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

*Artikolu 15*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2027.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*